**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 08/12(31_07_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 ta' Lulju 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.
6. Offerti MXR/002/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
7. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/ Passaġġ tal-Kantra.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 29/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 35940 rigward l-inizjattivi li ħadu l-Kunsilli Lokali, lokal lokal, vis-a`-vis għal żoni pedonali fil-lokalitajiet tagħhom mis-sena 2011 sal-lum.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 30/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 35937 rigward minn kemm ibbenefika kull Kunsill Lokali f' fondi mill-Unjoni Ewropea.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Reviżjoni fl-Onorarju lill-Presidenti tar-Reġjuni u lis-Sindki tal-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Korsijiet għall-Adulti (*Lifelong Learning Classes*)'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi'.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Alkoħoliċi Anonimi bi ftit informazzjoni dwarhom u s-servizzi li joffru.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Ġenerali, The Today Public Policy Institute, c/o The Malta Chamber of Commerce, Enterprises and Industry rigward 'Healthy Mobility in Sliema: A Case Study'.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairperson*, Malta National Book Fair Organising Committee fi ħdan The National Book Council rigward il-'Malta National Book Fair 2012'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward il-'Laqgħa ta' Konsultazzjoni: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija sal-2050' fil-11 ta' Lulju 2012 f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Administrative Co-ordinator, Malta University Holding Company Ltd. rigward żewġ korsijiet qosra dwar *Special Educational Needs* - *Understanding Autism Spectrum Disorders* u *Supporting students with complex needs in mainstream class*.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja rigward 'L-Ewropa fuq ir-Roti'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 50/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward 'Konferenza Proġett TICTAC' bejn id-29 u l-31 t' Ottubru 2012, fid-Dolmen Hotel, Il-Qawra.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Towards Age-Friendly Environments Award'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Konsultazzjoni Pubblika: L-abbozz ta' Avviżi Legali dwar Emissjonijiet Industrijali'.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Education Officer, Dogs Trust Malta rigward id-'Dogs Trust Education Campaign'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Co-Ordinator, Directorate for Lifelong Learning fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol rigward l-'Evening Classes'.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President, Emergency Response & Rescue Corps rigward 'Essential Courses for your Council Staff and Residents'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'PPCD – Sejħa dwar Axis Four'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Borghi Piu Belli d' Italia e Malta'.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Koordinatur tal-Proġett, Aġenzija Żgħażagħ rigward 'Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2012/13'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Office of the Hospital Planning Manager, St. Vincent de Paul Residence rigward il-'Life Story Challenge Awards'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'Mail Registration System (MARS System) Confirmation'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-MEPA dwar it-tiġdid tal-permess tal-Pjazza PA4312/02. Wara li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' talbu xi kjarifikazzjonijiet dwar aċċessibilta', l-MEPA qed tirrakkomanda approvazzjoni.

3.02 Il-Kunsill irċieva talba għall-permess sabiex fit-tarf ta' Triq il-Munxar isir *main* tad-drenaġġ mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Il-Kunsill iddeċieda li jagħti dawn il-kundizzjonijiet: li x-xogħol isir f' Ottubru, dak li jinkiser jerġa' jitranġa, t-triq tinkesa kollha u li jsir *time frame* għal kemm ser idumu x-xogħlijiet.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' fejn qed tinforma li bħalissa qegħdin f' kuntatt mal-Kappillan tal-Parroċċa tal-Munxar rigward aċċessibilita' għal kulħadd għall-entratura tal-Knisja Parrokkjali tal-Munxar. Peress li l-Kunsill ser jagħmel xi xogħol ta' manutenzjoni fuq iz-Zuntier u dan ser isir aċċessibbli għal kulħadd, qed tfakkar lill-Kunsill dwar l-importanza li x-xogħol li jsir ikun skont il-Linji Gwida Access for All.

3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed ikun riferut ir-rapport tal-Awditur Ġenerali għas-sena 2010. Id-Dipartiment qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill fuq l-osservazzjonijiet li għamel l-Awditur Ġenerali. Fl-erba' kummenti, tlieta kienu dwar *accounting* filwaqt li r-raba' kumment kien dwar il-voti tar-Repair and Upkeep u Hospitality and Community Services minħabba li l-*Budget* ġie maqbuż.

3.05 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand Transport Malta dwar it-talba li saret sabiex *single yellow line* fi Triq il-Qsajjem jitneħħa. Transport Malta qed jaqblu dwar din it-talba. Rigward it-talba tal-Kunsill sabiex parti minn Triq ir-Rabat issir 'No Entry except for Residents and Boat Owners mis-19:00 sal-23:00 Lulju sa Settembru', Transport Malta qed titlob konferma li l-Kunsill ikkonsulta u laħaq ftehim mar-residenti u entitajiet kummerċjali u terzi persuni li ser jiġu affettwati. B' hekk Transport Malta tkun f' pożizzjoni li tkompli tipproċessa din it-talba.
Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-proposta tal-Kumitat Amministrattiv li traffiku li jkun ġej mir-Rabat għax-Xlendi ma jkunx jista' jgħaddi minn din it-triq iżda traffiku li jkun fil-*Parking* u jrid joħroġ għar-Rabat ikun jista' jgħaddi, ma hijiex prattikabbli u għaldaqstant jista' jsir *Traffic Management* aktar prattikabbli.
Rigward it-talba sabiex terġa' ssir ir-*Road Hump* fi Triq Ras il-Bajjada, qed għal darba oħra tiġi rrifjutata.

3.06 Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Ministru l-Onor. Dr. Chris Said ser jagħmel *site inspection* fuq ix-xogħlijiet li ġew iffinanzjati mill-EU. Din is-*site inspection* ser issir il-Ħamis, 16 t' Awwissu 2012 fl-10 ta' filgħodu u ser iżur il-passaġġ li jagħti għall-Kantra, fix-Xlendi.

3.07 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand is-Sid ta' Buddy's Coffee Bar fi Triq Sant' Indrija, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li tfal qed jilagħbu bil-ballun quddiem l-istabbiliment tiegħu u qed jolqtu l-imwejjed u l-klijenti tiegħu. Huwa ġie informat li jrid jagħmel rapport lill-Pulizija dritt wara li jiġri l-inċident.

3.08 Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi kiteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali rigward it-talba għal kjarifika – Ratifiki fil-liġi tal-Kunsilli b' mod partikulari għall-kiri ta' *Kiosk* fix-Xlendi. Id-Direttur irrisponda li l-Kumitat jista' jmexxi u jekk hemm xi ħaġa kontra r-regolamenti finanzjarja s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lid-Dipartiment. Mill-*e-mail* li rċieva 'prima facie' ma jirriżulta li hemm xejn kontra l-liġi. Qed jissuġġerrixxi li f' sitwazzjonijiet bħal dawn il-Kumitat jieħu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill. Imma biex jiġi evitat aktar burokrazija u nkomplu ntawwlu bla bżonn għad-detriment tal-pubbliku in ġenerali, qed jgħidilna biex immexxu.

Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jieħu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill hekk kif qed jirrakkomanda d-Direttur għall-Gvern Lokali. Ġie deċiż li l-Avukat jintalab jiġi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Is-Sinjura Carmen Said u s-Sur Robert Mallia ddikjaraw li huma favur li jkun hemm ATM fix-Xlendi iżda ma jaqblux li l-prezz ikun daqshekk baxx.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 08/12(31_07_12).

**5.00 Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kiteb lill-Prim Ministru sabiex ningħataw fondi sabiex isir ix-xogħol ta' tisbiħ fil-Pjazza. Bħalissa l-Kunsill bil-għajnuna tal-MEUSAC qed fi proċess li japplika għal fond mir-Rural Development Programme, Measure 413.4 – Quality of Life: Landscaping.

**6.00 Offerti MXR/002/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

6.01 Fil-ġranet li għaddew kienet saret laqgħa bejn l-Inġinier li pprepara l-*Bill of Quantities* u l-Kuntrattur dwar *Lot 2* ta' l-offerta dwar stallazzjoni ta' apparat għall-*Visitors Centre*. Kien għad jonqos xi kjarifiki iżda qed jaħdmu fuqhom. Issa jmiss li niltaqgħu mal-Kuntrattur u l-Perit dwar *Lot 1* - xogħol ta' manutenzjoni tal-binja u l-apparat.

**7.00 Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/ Passaġġ tal-Kantra.**

7.01 Fuq talba li saret minn Sid ta' raba' fl-inħawi sabiex il-mogħdija ma tingħalaqx qabel ma jgħaddi Awwissu 2012, ġie deċiż li x-xogħol ta' pavimentar f' tal-Ponta ma jinbediex qabel l-1 ta' Settembru 2012.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Il-Proġett ta' Eco-Gozo tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun daqt jitlesta u l-Ministru għal Għawdex ser tagħmel *site visit*.
Fix-Xlendi qed isir xogħol ta' żebgħa tas-sinjali tat-toroq. Il-qasab tal-Wied inqata' u tħawwlu l-fjuri fil-*pots* li hemm fix-Xlendi. Qed isir xogħol fuq il-*Bus Shelter* il-ġdid li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi.

**9.01 Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku taw rapport dwar l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li saret nhar it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2012.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa mal-Pulizija u ressaq l-ilment dwar ħsara li saret fil-*Fairy Lights* u fuq l-imwejjed tal-BBQ. Issemma wkoll l-*over speeding* ta' karozzi fi Triq ir-Rabat.

10.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa li saret fl-Oratorju Don Bosco rigward il-Youth in Action. Ser jiltaqa' magħhom aktar 'il quddiem.

10.03 Is-Sindku kien talab dwar Triq Bardan minħabba li l-Kunsill irid li tinkesa bil-*concrete*. Il-Kunsill irid jistenna ftit taż-żmien ieħor peress li bħalissa għad ma hemmx *tender* tal-*concrete*.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Ġiebja li hemm taħt Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina ntliet bid-drenaġġ. Din il-problema kienet ġiet innotata xi xhur ilu u l-Uffiċjali mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma inkarigati mid-Drenaġġ xorta ma ħadux il-passi biex jissewwew il-ħsarat. Preżentament il-ġnien ma jistax jissaqqa bl-ilma tal-Ġiebja u qed jissaqqa bil-bowżers. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat ittra bl-Avukat fejn nitolbu lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex tirranġa l-ħsarat, tbattal il-Ġiebja u terġa' timliha b' ilma li jkun tajjeb għat-tisqija.

11.02 Kienet saret laqgħa bejn Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar sabiex tiġi diskussa l-ittra taċ-*Chairperson* tax-Xlendi Tower Management Committee. Din l-Art Ħelwa kienet irrappreżentata minn Ms Simone Mizzi, President u mis-Sur George Camilleri, Segretarju u l-Kunsill kien irrappreżentat mis-Sur Joseph Sultana, Sindku u mis-Sur Anthony Grech, Segretarju Eżekuttiv. F' din il-laqgħa kien hemm qbil li s-suġġerimenti fl-ittra taċ-*Chairperson* ma jistgħux ikunu applikabbli għax-Xlendi Tower Management Committee, l-proċess tas-sejħa għas-servizz ta' Perit jibqa' għaddej u ssir l-intervista ma' kull min applika.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Ryan Debrincat reġa' fakkar lill-Kunsill dwar tiswija ta' żewġ bankini fil-Munxar. Dawn ser isiru mill-Kuntrattur li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-bankini.

12.02 Is-Sur Saviour Spiteri talab sabiex isir xi *concrete* fil-Wied tal-Kantra. Huwa ntalab jindika eżattament fejn hemm il-bżonn li jsir dan il-*concrete*. Huwa talab lill-Kunsill sabiex issir talba għall-*Bus Stop* fi Triq Ras il-Bajjada ftit 'il bogħod mid-daħla għal Triq ix-Xatba.

12.03 Is-Sinjura Carmen Said fakkret lill-Kunsill dwar żabra tal-qasab u siġra taż-Żebbuġ li hemm fil-Wied tax-Xlendi. Fakkret ukoll li dik il-*bollard* fejn qabel kien hemm it-*telephone* tal-Pulizija għadha ma tneħħietx. Hija informat lill-Kunsill li qed tirċievi diversi ilmenti minħabba li l-*Parking* tax-Xlendi qed ikun mudlam.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 30 t' Awwissu 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |